MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1640/2002

**Avviz Numru 1640/02 AJD**
**David Ellis bhala Bursar u fl-isem u fl-interess ta' St. Edward's College**

**vs**

**Anthony u Doreen konjugi Balzan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati in solidum bejniethom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin (Lm260.00) rappresentanti spejjes u drittijiet ta' taghlim u edukazzjoni dovuti lill-attur nominee in konnessjoni mal-attendenza tal-iben il-konvenuti skond fattura li ggib id-data tas-7 ta' Marzu 2000 li kopja taghha hija annessa mal-Avviz u mmarkata bhala Dok.'A'.
Bl-ispejjes, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Settembru 2001 u bl-

imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra sal-pagament effettiv

Ra n-nota prezentata mill-konvenuti fit-8 ta’ Novembru 2002 fejn huma ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur nomine s-somma ta’ mitejn u sittin lira Maltin (Lm260.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Settembru 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**